MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1070/1992/1

**Peter Nind f'ismu proprju u bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn martu Joyce sive Josephine Nind in rapprezentanza tal-istess, u l-istess Josephine Nind**

**vs**

**Paul Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Settembru 1992 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-konvenut, meta giet il-familja taghhom toqghod ghandu ghal btala mill-Awstralja u gabet maghha “video recorder” tal-Marka VCR Techno Vision Model cahad li jirritornah lura lill-familja tal-istante, u dana indebitament f’Settembru tal-1987;

Illi l-atturi minhabba dan l-agir illegali tal-konvenut sofrew danni, sia ghax kellhom bzonn video recorder ghall-uzu tal-familja taghhom, kif ukoll fi sborzamenti ikkagunati minn procedura legali intavolati mill-konvenut, li fihom l-istess konvenut baqa' sokkombent (Citaz. Numru. 734/87cc u Citaz. Numru 1238/89 AM);

U peress illi l-konvenut kien temerarju fl-agir tieghu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk responsabbli ghad-danni kkagunati lill-atturi;

Talbu li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' flus li ghandha tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti okkorrendo permezz ta "periti nominandi";

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza, il-kawzi precedenti fejn l-eccipjent kien l-attur ma kienux fivoli u vessatorji, tant li l-ahhar kawza giet deciza spejjez bla taxxa bejn il-partijiet;

Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa:

In-nullita` tac-citazzjoni stante li d-dikjarazzjoni maghha annessa llum irrizulta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-attur li ddikjara li ma jifhimx bil-Malti;

Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Marzu 1994 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tan-nullita` tac-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-digriet tas-16 ta' Dicembru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor David Harding bhala pertit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fis-26 ta' Jannar 2000;

Rat in-nota ta' kritika ta' l-atturi ghar-relazzjoni;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza kienet preceduta minn zewg kawzi ohra istitwiti mill-konvenut Paul Micallef (li miet fil-mori tal-kawza). Fl-ewwel kawza fl-ismijiet "Paul Micallef vs Joyce Nind et" (Citaz. Nru. 734/87) deciza fit-13 ta' Ottubru 1989, l-attur (il-konvenut odjern) kien talab kumpens ta' Lm300 ghaz-zmien li l-konvenuta (l-attrici odjerna) kienet akkomodata ghandu flimkien ma' uliedha. Din it-talba kienet giet michuda bl-ispejjez kontra l-attur. Fis-sentenza taghha pero` din il-Qorti diversament presjeduta kienet qalet li "ovvjament bhala rikonoxxenza talli kien qed izommha ghandu lill-attur tatu jew ippromettiet li taghtih 'video'". Fit-tieni kawza fl-ismijiet "Paul Micallef vs Emanuel Spiteri noe et" (Citaz. Nru. 1238/89) deciza fit-13 ta' April 1992, l-attur (il-konvenut odjern) kien talab lill-Qorti biex tiddikjara li l-video recorder tal-marka Techno Vision kien ta' proprjeta` tieghu peress li kien gie regalat lilu minghajr ebda kondizzjoni mill-konvenuta (l-attrici odjerna) meta kienet akkomodata ghandu. Izda din it-talba giet ukoll michuda u fis-sentenza taghha din il-Qorti diversament presjeduta qalet li mill-kumpless kollu tal-provi ma kinitx "soddisfatta li l-attur irnexxielu jipprova li l-

video recorder kien moghti b'rigal lilu u konsegwentement dan kien u ghadu proprjeta` tal-istess konvenuta"; l-ispejjez kellhom jigu sopportati bla taxxa bejn il-partijiet. In segwitu giet istitwita l-kawza odjerna fejn l-atturi qeghdin jitolbu d-danni minnhom allegatament sofferti sija ghax kellhom bzonn ta' video recorder ghall-uzu tal-familja u sija minhabba sborzamenti maghmula minnhom minhabba z-zewg kawzi msemmija. Skond l-atturi, il-konvenut ghandu jitqies responsabbli ghal dawn id-danni peress li kien "temerarju" fl-agir tieghu. Il-kwistjoni li ghalhekk trid tigi investigata hija jekk l-atturi ghandhomx ragun meta jghidu li l-konvenut agixxa b'mod temerarju. F'dan ir-rigward il-perit legali qal hekk:

"10. Illi kif inghad fil-kawza "Andrea Farrugia vs Giuseppe Sammut" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit- 8 ta' Novembru 1954 (Vol. XXXVIII-I-223) gie kostantement ritenut li min ikun rebbieh f'kawza ikollu d-dritt li jitlob id-danni mill-parti l-ohra meta jkunu fondati mhux fuq is-semplici fatt tal-kontestazzjoni imma fuq att doluz jew kolpuz ta' dik il-parti li b'malizzja jew negligenza gravi tkun ikkagunatlu danni billi dahhlitu f'kawza. Dan ma jfissirx li kull min jitlef kawza ghandu wkoll jirrispondi ghad-danni li jistghu jigru sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccuza (Vide wkoll Vol. XXVIII-I-288, 296; Vol. V p. 222; Vol. VII, p.1; Vol. XII p. 434 u Vol. Vol. XXVII - I - 72 citati fl-istess sentenza).

11. Fil-kaz prezenti l-atturi kienu rebbieha fiz-zewg kawzi fuq imsemmija u llum fil-kaz prezenti huma qeghdin jitollbu d-danni. Skond il-gurisprudenza fuq citata dan jistghu jaghmluh fil-kaz li jippruvaw li kien hemm att doluz jew kolpuz tal-kontroparti li b'malizja jew negligenza gravi tkun ikkagunatilhom danni billi dahhlithom f'kawza. Il-kontroparti m'ghandux jirrispondi ghad-danni sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccuza. L-esponent ghalhekk fl-ewwel lok sejjer jezamina din il-kwistjoni.

12. Fl-umli sottomissjoni tal-esponent, il-punto di partenza ta' dan l-ezami ghandu jkun iz-zewg kawzi fuq citati li ghaddew in gudikat. Fl-ewwel sentenza – dik fl-ismijiet "Paul Micallef vs Joyce Nind mart Peter et" deciza fit- 13

ta' Ottubru 1989" – inghad fil-paragrafu numerat 4 illi: "Ma tul is-soggorn taghha ghand l-attur, dan qatt ma talab kera jew hlas iehor minn ghand il-konvenuta illi din kienet toqghod ghandu. Il-konvenuta fl-istess zmien tat lill-membri tal-familja ta' l-attur diversi rigali, ovvjament bhala rikonoxxenza talli kien qed izommha ghandu. Lill-attur tatu, jew ippromettiet li taghtih video." Iktar tard fl-istess sentenza (para 7) inghad "Mill-premess jidher li ma hu dovut ebda ammont lill-attur". Isegwi ghalhekk li l-Qorti f'dik is-sentenza waslet ghall-konkluzjoni taghha li l-attur ma kellux dritt ghas-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) ghaz-zmien li l-konvenuta (l-attrici odjerna) kienet akkomodata ghandu flimkien ma uliedha minhabba inter alia ic-cirkostanza msemmija fil-paragrafu 4 li "lill-attur tatu jew ippromettiet li taghtih video".

13. Din il-kawza giet segwita b'kawza ohra mill-istess attur (il-konvenut odjern) kontra Joyce Nind (l-attrici odjerna) fejn, kif ga inghad, talab li l-Qorti tiddikjara li l-video recorder li kien gie depozitat minnu fir-Registru tal-Qorti kien proprjeta tieghu peress li kien gie regalat lilu mill-istess konvenuta Joyce Nind. Din it-talba kienet konformi ma dak li kien intqal fl-ewwel kawza li 'l-attur taghtu jew ippromettiet li taghtih video". Ezami tas-sentenza moghtija f'din il-kawza fl-ismijiet "Paul Micallef Vs Emanuel Spiteri noe" fit-13 ta' April 1992 juri li l-Qorti meta giet biex tezamina l-provi qalet espressament dawn il-kliem: "Tressqu diversi provi konfliggenti dwar dan il-video recorder u jekk effettivament kien ingieb Malta bhala rigal ghall-attur." Imbaghad il-Qorti ghaddiet biex tezamina dawn il-provi li kienet sejhitilhom konfliggenti u kkonkludiet li "mill-kompless kollu tal-provi prodotti l-Qorti ma hix sodisfatta li l-attur irnexxielu jipprova li l-video recorder kien moghti b'rigal lilu u konsegwentement dan kien u ghadu proprjeta tal-istess konvenuta". U wara din il-konkluzjoni l-Qorti, donnu kuntrarjament ghal dak li ntqal fil-kors tas-sentenza fl-ewwel kawza kif fuq citat, cahdet it-talbiet tal-attur u ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

14. Fl-umli fehma tal-esponent jidher mill-ezami taz-zewg sentenzi maghmula fil-paragrafi precedenti li ma jistax

jinghad li l-pretensjoni tal-konvenut odjern, meta gie biex jaghmel it-tieni kawza fuq imsemmija, kienet arbitrarja jew kapriccuza. Huwa kellu favur tieghu dak li kien inghad fl-ewwel kawza li l-attrici odjerna "lill-attur tatu jew ippromettiet li taghtih video" u t-tieni kawza li istitwixxa kienet taqbel ma dan ghax kienet intiza biex jigi dikjarat li l-video li kien gie depozitat minnu kien proprjeta tieghu. Mhux hekk biss imma meta wiehed jezamina t-tieni sentenza l-Qorti qalet li l-provi kienu konfliggenti u mbaghad wara li ezaminathom u ghamlet riferenza ghalihom bir-reqqa giet ghall-konkluzjoni li mill-kompless kollu ma kienitx sodisfatta li l-attur kien irnexxielu jipprova li l-video kien gie moghti lilu b'rigal. L-esponent ma jarax li jista jinghad li l-konvenut odjern kien arbitrarju jew kapriccuz fil-pretensjoni tieghu meta l-istess Qorti qalet li l-provi kienu konfliggenti u mill-kompless taghhom ma kienitx sodisfatta li l-attur irnexxielu jipprova dak li kien qed jallega. Ma kienx il-kaz ta' kawza li kienet bla bazi billi kienet temerarja jew kapriccuza imma kien il-kaz ta' kawza fejn il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi "pro" u "con" giet ghall-konkluzjoni li mill-kompless tal-provi ma kienitx sodisfatta li l-attur irnexxielu jipprova li l-video kien gie moghti lilu b'rigal.

15. U l-konferma ta' dan il-konflitt fil-provi wiehed isibha fl-ahhar parti tas-sentenza fejn il-Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Kieku l-pretenzjoni tal-attur kienet arbitrarja jew kapriccuza l-Qorti kienet tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-kawza kollha. Kif inghad fl-Art. 223(1), Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili: "Kull sentenza definitiva ghandha tikkundanna t-tellief ghall-ispejjez" u fl-Art. 223(3): "Fil-kazijiet kollha l-Qorti tista tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha meta kull wahda mill-partijiet tkun telliefa f'xi punt tal-kawza jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi inkella ghal xi raguni tajba ohra". Fis-sentenza fuq imsemmija l-Qorti ordnat li kull parti tbati l-ispejjez taghha kif inghad minnha espressament fis-sentenza "fic-cirkostanzi". Dawn ic-cirkostanzi kienu l-konflitt fil-provi li l-istess Qorti hasset li kien hemm f'dan il-kaz u li ghaliha kien jikkostitwixxi raguni tajba biex tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.

16. Ghandu jizdied li minn ezami tan-nota tal-osservazjonijiet tal-atturi prezentata fis-16 ta' April 1998 - u partikolarment mill-para l tal-ewwel pagna tal-istess nota – jidher li l-atturi qeghdin jissottomettu li meta l-konvenut odjern intavola l-pretenzjoni tieghu ghall-hlas tas-somma ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) fuq imsemmija huwa kontestwalment ghadda ghall-procedura ta' sekwestru kawtelatorju (Mandat Nru. 1930/89) fuq l-istess video recorder u dana sabiex ikun jista jithallas f'kaz ta' ezitu favorevoli ghalih fil-kawza ghall-hlas tal-imsemmija somma billi kien jaf li l-video recorder kien proprjeta tal-konvenuta (l-attrici odjerna). L-atturi komplew jissottomettu fl-istess nota illi meta l-konvenut kien tilef l-istess kawza fit-13 ta' Ottubru 1989 huwa imissu kkonsenja l-video recorder lill-atturi odjerni stante li terminata l-kawza u hu kien sokkombent il-kawtela lilu permess mill-ligi ma baqatx necessarja ghax il-meritu kien ghadda in gudikat. Il-konvenut odjern, skond l-atturi, minflok intavola kawza ohra fejn talab li jigi dikjarat li l-video kien proprjeta` tieghu b'kuntrast lampanti mal-animu tieghu precedenti.

17. Bir-rispett kollu l-esponent jissottometti li ma jistax jaqbel ma dawn is-sottomissjonijiet billi l-fatti mhumiex precisament kif sottomessi fl-istess nota. Minn ezami tac-cedola ta' depozitu (li kopja fotostatika taghha qeghda tigi hawn annessa ghall-konvenjenza u markata Dok. DH) jidher li fis-26 ta' Settembru 1997 meta l-konvenut kien ipprezenta l-ewwel kawza tieghu ghall-hlas tal-imsemmija somma, huwa - wara li qal li originarjament il-video recorder kien gie moghti lilu mill-intimata Joyce Nind u li bejnu u bejnha kienu nqalghu xi kwistjonijiet dwar l-istess video recorder u dwar xi pendenzi ohra ta' bejniethom li fuqhom huwa kien qieghed jipprocedi kontestwalment permezz ta' citazzjoni quddiem il-Qorti - biex jezimi ruhu minn kull responsabilita` huwa ghadda biex jiddepozita l-istess video recorder biex dana jigi liberament moghti lill-istess intimata skond il-ligi. Izda kontrarjament ghal dak li ssottomettew l-atturi odjerni fin-nota taghhom il-konvenut ma ghaddiex ghall-procedura tas-sekwestru kontestwali. Infatti kien biss wara li nqatet kontra tieghu l-imsemmija l-

ewwel kawza ghall-hlas ta' Lm300 u cioe' fit- 12 ta' Dicembru 1989, li l-konvenut ghadda biex jissekwestra l-imsemmi video recorder f'idejn ir-Registratur tal-Qrati li ghandu iktar minn sentejn qabel (i.e. fis-26 ta' Settembru 1987) kien gie depozitat (Ara Dok. XXX esibit a fol. 35 tal-process). Jinghad espressament fl-istess rikors ghall-hrug tal-mandat li l-kawzali kienet "in kawtela tal-pretensjoni tal-esponent li hu l-proprjetarju tal-video recorder Techno Vision depozitat b'cedola ta' depozitu tas-26 ta'Swettembru 1987 pretensjoni li qed jiddeduci b'citazzjoni prezentata kontestwalment". Din kienet it-tieni kawza fuq imsemmija li l-konvenut kien ipprezenta biex jigi dikjarat proprjetarju tal-video recorder – haga li diga kien qal li originarjament ippretenda fic-cedola ta' depozitu maghmula iktar minn sentejn qabel.

18. Isegwi ghalhekk fl-umili sottomissjoni tal-esponent li l-konvenut odjern ma jistax jinghad li kien temerarju fl-agir tieghu. Jidher mic-cedola ta' depozitu li hu mal-ewwel ippretenda li originarjament kien gie moghti l-video recorder mill-attrici odjerna, li minbarra l-kwistjonijiet dwar l-istess video recorder kien hemm ukoll kwistjonijiet ohra dwar pendenzi ohra ta' bejniethom li fuqhom l-konvenut kien ipproceda kontestwalment u li biex jezimi ruhu minn kull responsabilita kien ghadda biex jiddepozita l-video recorder taht l-awtorita tal-Qorti biex dana jigi liberament moghti lill-intimata Joyce Nind skond il-ligi. Meta mbaghad tilef l-ewwel kawza ghar-ragunijiet hemm imsemmija, fosthom li l-attrici tatu jew ippromettiet li taghtih video, il-konvenut avanza l-pretensjoni tieghu li kien proprjetarju tal-video recorder depozitat il-Qorti u biex jikkawtela din il-pretensjoni tieghu ghamel il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi. Dan il-mandat ma kienx sar biex jikkawtela l-kreditu pretiz minnu ta' Lm300 izda wara li dan il-kreditu kien gie michud bl-ewwel sentenza, biex jikkawtela l-pretensjoni tieghu li kien proprjetarju tal-video recorder. L-esponent umilment jissottometti li ma jara xejn kapriccuz jew temerarju f'dan l-agir tal-konvenut.

19. Ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija li johorgu mill-ezami tal-imsemmija zewg sentenzi li ghaddew in gudikat u li l-kontendenti ghalhekk huma marbutin bihom, u li

johorgu wkoll mill-ezami tac-cedola ta’ depozitu u tal-mandat ta’ sekwestru li sar aktar minn sentejn wara, l-esponent umilment jissottometti illi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw li l-pretensjoni tal-konvenut li l-video kien tieghu kienet arbitrarja jew kapriccuza jew fil-kliem ta’ wahda mill-premessi tac-citazzjoni “li l-konvenut kien temerarju fl-agir tieghu”.  Ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata l-esponent umilment jissottometti li l-atturi m’ghandhomx dritt li jitolbu d-danni u ghaldaqstant ghandha tigi accettata l-eccezzjoni tal-konvenut (fol. 16 tal-process).”

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, hi tal-fehma li l-perit legali ghamel analizi korretta tal-ligi u tal-fatti u ghalhekk taqbel perfettament mal-konkluzjoni minnu raggunta. Dak li hemm fin-nota ta' kritika ma jbiddel xejn minn tali konkluzjoni. Din il-Qorti hi soddisfatta li l-atturi ma ppruvawx li Paul Micallef agixxa b'malizzja jew negligenza gravi meta istitwixxa z-zewg kawzi li ghalihom diga` saret riferenza.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu u tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------